# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' April 2025**

**Numru 3**

**Rikors numru 175/2021/1 LM**

**Insignia Cards Limited (C-54426) u; b'digriet tas-16 ta' Jannar 2025 l-isem inbidel għal 'Valletta Credit Finance Corporation Ltd'**

**v.**

**Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja u L-Avukat tal-Istat**

1. B'sentenza tal-24 ta' Mejju, 2023 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ddeċidiet *inter alia* li dispożizzjonijiet fl-Att kontra Money Laundering (Kap. 373) u r-regolament 21 tal-L.S. 373.01 (*Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu*) jilledu l-jedd fundamentali tar-rikorrenti protett taħt l-art. 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni

Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Bħala rimedju ordnat il-ħlas ta' €10,000 f'kumpens mhux pekunjarju lir-rikorrenti.

2. L-Avukat tal-Istat u l-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja appellaw mis-sentenza.

3. Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2025 ir-rikorrent tat l-eċċezzjoni ta' rikuża minħabba li l-Imħallfin li qegħdin jippresjedu l-appell huma l-istess Imħallfin li kienu fil-Qorti li tat is-sentenzi Phoenix Payments Limited vs Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja u XNT vs il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja tat-18 ta' Novembru, 2024.

4. Il-partijiet ippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjoni ta' rikuża.

5. Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni li tat illum fl-appell Credence Corporate and Advisory Services et vs Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et (129/2021/1ISB) li fih ingħatat l-istess eċċezzjoni, u taddotta *mutatis mutandis* il-konsiderazzjonijiet li għamlet għad-deċiżjoni tal-lum. Għal dawk ir-raġunijiet ser tiċħad l-eċċezzjoni.

**<u>Deċiżjoni</u>**.

Għaldaqstant, tiċħad l-eċċezzjoni ta’ rikuża bl-ispejjeż għar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb